## 19 ta' April, 1990

## Imħallef: –

## Onor. Prof. Victor Borg Costanzi LL.D.

Norman Rossignaud *noe*

*versus*

Gontran Borg *noe*

## Tribunal Industrijali – Kompetenza u Ġurisdizzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – Kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tieħu konjizzjoni ta' Talba għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni

*Kawża biex jiġi rrevokat Digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn din irriteniet ruħha inkompetenti biex tippronunzja jew tiċħad Mandat ta' Inibizzjoni kontra t-Tribunal Industrijali. Ġiet eċċepita l-inkompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.*

*Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha ġurisdizzjoni taqta' dawk il-kawżi kollha ta' natura ċivili (ħlief dawk imsemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 32 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) – ġurisdizzjoni li tibqa' tissussisti sakemm ma jkunx hemm ipprovdut mod ieħor b'liġi; kwistjoni jekk għandhiex jew le tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kif jingħad li talbu l-atturi hija materja ta' natura ċivili li għalhekk tibqa' taħt il-kompetenza ta' l-istess Qorti sakemm ma jkunx hemm deroga b'liġi li tnaqqas mill-ambitu ordinarju, tant vast u ġenerali, kompriż tal-kompetenza. U liġi li tidderoga għad-disposizzjoni l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li tinvesti ġurisdizzjoni dwar il-kawżi kollha ta' natura Ċivili ma hemmx.*

*Il-Qorti ċaħdet għalhekk l-eċċezzjoni preliminari u ordnat il-prosegwiment tal-kawża fuq il-meritu.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-25 ta' Ottubru 1982, li biha Norman Rossignaud fil-kwalità tiegħu fuq indikata, wara li ppremetta:

Illi b'mandat ta' inibizzjoni numru 1046/82 SC fl-ismijiet identiċi għal din il-kawża, l-attur *nomine* talab li l-konvenuti fuq imsemmija jiġu inibiti milli jinnegozjaw ma' *Union* oħra fil-*Bank of Valletta Ltd.*, sakemm isiru l-verifiki neċessarji dwar liema *Union* verament tirrappreżenta lill-impjegati f'ċerti gradi tal-Bank;

Illi b'digriet tal-21 ta' Ottubru 1982 din il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta' dan ir-rikors billi rriteniet illi l-materja kienet waħda purament ta' natura industrijali u għalhekk il-Qorti ma kellhiex kompetenza li tiddeċidi relattivament għall-istess kwistjoni;

Illi dan id-digriet huwa inaċċettabbli għall-attur *nomine* billi l-Att XXX ta' l-1976 imkien ma jagħti esklussività lit-Tribunal Industrijali fis-smigħ ta' tilwimiet industrijali, u ferm inqas jipprojbixxi mandati kawtelatorji ta' din in-natura;

Talab li din il-Qorti tirrevoka d-digriet fuq imsemmi mogħti fil-21 ta' Ottubru 1982 fil-mandat ta' Inibizzjoni numru 1046/82SC, in kwantu dik il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta' dak ir-rikors, u dan għar-raġunijiet premessi u għal dawk li jistgħu jirriżultaw aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *noe* li huma minn issa

*mħarrka għas-subizzjoni*;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata fl-14 ta' Diċembru 1982, li fiha l-konvenuti qalu:

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti stante illi l-materja hi ta' natura purament industrijali u għaldaqstant il-ġurisdizzjoni hi vestita fit-Tribunal Industrijali mwaqqaf taħt l-Att XXX ta' l-1976;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, id-digriet maħruġ minn din l-Onorabbli Qorti wara l-mandat ta' inibizzjoni numru 1046/82 SC fl-ismijiet idetniċi għal din il-kawża huwa mogħti korrettement fuq interpretazzjoni u applikazzjoni korretta tad-dritt u għalhekk jimmerita konferma;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, iċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni *attriċi huma nulli* u invalidi għaliex it-talbiet fiċ-ċitazzjoni attriċi kif ukoll il-fatti ddikjarati fid-dikjarazzjoni attriċi m'humiex enumerati kif stipulat fl-artikolu 155 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għalhekk għandhom jiġu rriġettati minn din l-Onorabbli Qorti;

Bla preġudizzju ta' eċċezzjonijiet oħra li jiġu sottomessi fit-trattazzjoni tal-kawża ;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Frar, 1983, mogħti minn dina l-Qorti diversament presjeduta li minnu jidher illi l-kawża baqgħet differita sakemm tintemm il-kawża fl-ismijiet "Portelli vs Buttigieg *et*" allura pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell;

Rat id-digriet tal-21 ta' Ottubru 1982, mogħti minn dina l-Qorti diversament presjeduta (M.I. 1046/82/SC);

Rat id-deċiżjoni Nru 206 mogħtija mit-Tribunal Industrijali ta' l-14 ta' Frar, 1985 fil-kwistjoni tax-xogħol bejn il-M.U.B.E. u s-*Central Bank of Malta* dwar *recognition*;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti *nomine:*

F'dina l-eċċezzjoni l-konvenuti qegħdin jasserixxu illi dina l-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiġġudika fuq il-materja li tikkontjeni ċ-ċitazzjoni stante illi fi kwistjonijiet industrijali tax-xorta imsemmija fl-istess ċitazzjoni l-ġurisdizzjoni hija vestita, bis-saħħa ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, fit-Tribunal Industrijali mwaqqaf bl-artikolu 26 ta' l-istess Att;

Dan it-tribunal għandu s-setgħa li jiddeċidi kull tilwima tax-xogħol li tiġi rriferita lilu skond il-liġi. Tilwima ta' xogħol hija definita fl-imsemmi Att dwar Relazzjonijiet Industrijali bħala:

"tilwima bejn prinċipali u ħaddiema, jew bejn ħaddiema u ħaddiema, li jkollha x'taqsam ma' waħda jew iktar mill-ħwejjeġ li ġejjin:

(a) *Omissis;*

(b) tħaddim jew nuqqas ta' tħaddim, jew it-tmiem jew is-sospensjoni ta' impieg jew ta' dmirijiet ta' impieg, ta' ħaddiem wieħed jew aktar;

(ċ) *Omissis;*

(d) *Omissis;*

(e) *Omissis;*

(f) makkinarju għal negozjati jew konsultazzjonijiet, u proċeduri oħra, dwar xi waħda mill-ħwejjeġ imsemmija qabel, magħdud ir-rikonoxximent minn prinċipali jew assoċjazzjonijiet ta' prinċipali tad-dritt ta' *trade union* li tirrappreżenta ħaddiema f'xi negozjati jew konsultazzjonijiet bħal dawk jew fit-twettiq ta' dawk il-proċeduri'';

Kull sentenza jew deċiżjoni li tingħata mit-Tribunal spiċċa biex torbot kemm lill-prinċipali kif ukoll lill-ħaddiema mdaħħla fit-tilwima tax-xogħol li jkunu ħadu parti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal;

L-artikolu 28(1) jipprovdi imbagħad illi minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali għandu l-ġurisdizzjoni esklusiva li jikkunsidra u jiddeċidi l-każijiet kollha ta' tkeċċija inġusta (ħlief dawk eċċettwati fl-istess artikolu);

Ikkunsidrat:

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha ġurisdizzjoni taqta' dawk il-kawżi kollha ta' natura ċivili (ħlief dawk imsemmija fis-

subartikolu (2) ta' l-artikolu 32 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) – ġurisdizzjoni li tibqa' tissusisti sakemm ma jkunx hemm ipprovdut mod ieħor b'liġi;

Kwistjoni jekk għandhiex jew le tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kif jingħad li talbu l-atturi hija materja ta' natura ċivili li għalhekk tibqa' taqa' taħt il-kompetenza ta' l-istess Qorti sakemm ma jkunx hemm deroga b'liġi tnaqqas mill-ambitu ordinarju, tant vast u ġenerali, kompriż dik il-kompetenza. U liġi li tidderoga għad-disposizzjoni l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li tinvesti ġurisdizzjoni dwar il-kawżi kollha ta' natura ċivili ma hemmx;

Difatti d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali li ssemmew jagħmlu ta' ġurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali ċerti każi ta' tkeċċija inġusta biss; u f'dak l-Att ma hemm ebda disposizzjoni oħra li biha l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali ġiet estiża għal każijiet oħra ta' tilwim ta' xogħol li jissemmew fl-istess Att bl-esklużjoni mill-ġurisdizzjoni tal-Qorti ordinarja;

Barra minn dana kollu, hemm il-fatt illi t-Tribunal Industrijali jkollu radikat fih ġurisdizzjoni biss jekk tilwima ta' xogħol, tkun ġiet mibgħuta quddiemu skond il-proċeduri imposti bl-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali, u wara li jkun sar dak kollu li hemm kontemplat f'dak l-Att. Mill-provi li nġiebu f'din il-kawża jidher illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni saret fi żmien meta t-tilwima ma kinitx għadha ntbagħtet quddiem it-Tribunal – fi żmien, jiġifieri, meta l-ħruġ tal-mandat ta' l-inibizzjoni mitlub seta' jkollu xi utilità;

Minn dana jidher illi l-mandat ta' l-inibizzjoni seta' joħroġ mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. (Ara Sent. P.A. 18-4-1987 fl-ismijiet "Tommaso Montalto vs Lucienne Chircop" u Sant. App. 30-4-1984 fl-ismijiet "Portelli vs Buttigieg");

Għal dawna l-motivi l-Qorti tiċħad l-imsemmija eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti bl-ispejjeż kontra tagħha, tordna li s-smigħ tal-kawża jissokta skond il-liġi.